

Brussell, 16 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7295/26

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0262 (COD)**

---

---

<b>CODEC 439</b>	<b>COWEB 34</b>
<b>NDICI 7</b>	<b>ELARG 34</b>
<b>DEVGEN 46</b>	<b>MAMA 65</b>
<b>RELEX 357</b>	<b>MOG 71</b>
<b>ACP 24</b>	<b>GLOBAL GATEWAY 21</b>
<b>COAFR 66</b>	<b>FIN 413</b>
<b>COASI 45</b>	<b>ECOFIN 338</b>
<b>COEST 206</b>	<b>PE 40</b>
<b>COLAC 35</b>	

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/947 fir-rigward ta' effiċjenza akbar tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna  
- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew  
(Strażburgu, mid-9 sat-12 ta' Marzu 2026)

---

## **I. INTRODUEZZJONI**

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni<sup>1</sup>, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar din il-proposta fl-ewwel qari.

---

<sup>1</sup> ĠU C 145, 30.6.2007, p.5.

F'dan il-kuntest, il-Presidenti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET) David MCALLISTER (PPE, DE) u tal-Kumitat għall-Iżvilupp (DEVE) Barry ANDREWS (Renew, IE) ippreżentaw, rispettivament fisem AFET u DEVE, emenda ta' kompromess (l-emenda numru 18) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li għaliha David MCALLISTER u Charles GOERENS (Renew, LU) kienu ħejjew abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

## II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fl-10 ta' Marzu 2026, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 18) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument<sup>2\*</sup>.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien ġie maqbul qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

<sup>2</sup> Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

\* L-iffommattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

**P10\_TA(2026)0059**

## **Effiċjenza akbar tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/947 fir-rigward ta' effiċjenza akbar tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna (COM(2025)0262 – C10-0107/2025 – 2025/0262(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0262),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 209 u 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0107/2025),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-4 ta' Frar 2026, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp skont l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A10-0221/2025),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P10\_TC1-COD(2025)0262**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-10 ta' Marzu 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/947 fir-rigward ta' effiċjenza akbar tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209 u 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2026.

Billi:

- (1) *L-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) kif stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, għadhom iggwidati mill-objettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 3(5) u fl-Artikoli 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), kif ukoll mill-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Jenħtieġ li l-miżuri biex tissaħħaħ l-effiċjenza tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/947 (il-"Garanzija għall-Azzjoni Esterna") jiġu segwiti b'mod kompletament konsistenti ma' dawk l-objettivi u l-prinċipji, filwaqt li jiġi żgurat allinjament akbar bejn il-politiki tal-Unjoni u l-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab.*
- (2) Il-kuntest ġeopolitiku u ġeoekonomiku globali jirrikjedi li l-Unjoni tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tistabbilixxi sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi sħab, *inkluż l-impenn tagħha li tikkonsolida l-istituzzjonijiet demokratiċi, issaħħaħ l-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali, tindirizza l-isfidi tal-migrazzjoni, trawwem l-iżvilupp tal-bniedem, tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista, tippromwovi l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u tindirizza l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.*

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/947/oj>).

- (3) *L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kollettivament jibqgħu l-akbar fornituri fid-dinja ta' assistenza uffiċjali għall-iżvilupp u l-ambizzjonijiet u l-azzjonijiet strateġiċi tagħhom għalhekk jeħtieġu viżibbiltà qawwija. Bħala parti mill-approċċ ta' Tim Ewropa, jenħtieġ li l-politiki ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-Unjoni u dawk tal-Istati Membri tagħha jikkomplementaw lil xulxin biex itejbu l-effettività, l-impatt u l-valur miżjud tal-assistenza kollettiva tagħhom u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni u l-viżibbiltà tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-pajjiżi sħab.*
- (4) Ir-rapport Draghi tal-2024 dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea jirrakkomanda li jiġi żgurat involviment akbar tas-settur privat u li jitnaqqsu d-dipendenzi esterni eċċessivi billi tiġi żgurata l-provvista ta' materja prima, enerġija nadifa, fjuwils tat-trasport sostenibbli, u teknoloġija nadifa minn madwar id-dinja, u billi jiġu aġġornati u ingranati l-istrategġija Global Gateway stabbilita fil-komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment tal-1 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Il-Portal Globali" ("Strategġija Global Gateway") kif ukoll il-pjanijiet ta' tkabbir għall-pajjiżi tat-tkabbir ***u s-sħubiji komprehensivi mal-Viċinat***, li jirrikjedu riżorsi addizzjonali.

■

- (5) Strument ta' finanzjament importanti tal-Unjoni biex l-oġettivi tal-Global Gateway u l-investimenti strateġiċi jissarrfu frizultati konkreti huwa l-EFSD+, u b'mod partikolari l-garanzija baġitarja tiegħu, komponent tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. It-titjib fl-effiċjenza fuq il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jillibera l-finanzjament għall-prijoritajiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, inkluż possibbilment l-espansjoni tal-Global Gateway, ***filwaqt li jiġi adottat approċċ differenzjat speċifiku għall-kuntest għall-pajjiżi sħab, speċjalment dawk identifikati bħala li qed jesperjenzaw fraġilità jew kunflitt, il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi fqar b'ħafna dejn.***
- (6) ***Filwaqt li jitqiesu r-riskji ta' influwenza barranija u inizjattivi kompetituri, jenħtieġ li meta jiġi implimentat l-EFSD+ tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-Unjoni tipprovdi appoġġ skont il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna biss għal operazzjonijiet li jikkonformaw mal-valuri u l-interessi tal-Unjoni u li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni leali għall-kumpaniji tal-Unjoni.***
- (7) L-EFSD+ qed taffaċċja domanda għolja ħafna mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u minn istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp (DFIs) oħra, kif ikkonfermat mill-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern għall-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali 2014-2020 u 2021-2027.

- (8) Il-kopertura tal-garanzija tal-EFSD+ tista' tiżdied sal-2027 billi jintużaw surpluses mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), kif stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, u billi jsir użu aktar effiċjenti tal-garanzija baġitarja tal-Unjoni billi titnaqqas l-obbligazzjoni tal-Unjoni minn 65 % għal 60 % skont it-tieqa ta' investiment iddedikata esklużiva tal-BEI għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet sovrani u kontropartijiet subsovrani mhux kummerċjali. Dak it-tnaqqis tal-obbligazzjoni jidħol fis-seħħ biss wara l-emendar tal-ftehim ta' garanzija korrispondenti bejn il-Kummissjoni u l-BEI. L-assenjazzjoni ta' surpluses minn strumenti preċedenti għall-benefiċċju tal-EFSD+ jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027.
- (9) L-assenjazzjoni tas-surpluses tal-garanzija tal-EFSD lill-proviżjonament tal-EFSD+ mill-31 ta' Diċembru 2024 tirrikjedi deroga mill-Artikolu 216(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>.
- (10) ***Fl-interess ta' azzjoni esterna bbilanċjata u inklużiva li tirrifletti l-impenji ġeopolitiċi usa' tal-Unjoni, l-assenjazzjoni tas-surpluses tal-garanzija tal-EFSD għall-proviżjonament tal-EFSD+ jenħtieġ li tibbilanċja l-finanzjament fir-reġjuni eliġibbli kollha, kif minqax fil-pakketti ġeografiċi finanzjarji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/947, u b'mod partikolari mal-ammonti minimi allokatu għal programmi ġeografiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(2), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament.***

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1601/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

- (11) Il-permess tal-użu tar-riżorsi tal-garanzija tal-EFSD+ biex jitħallsu t-talbiet għal ħlas ta' garanzija fuq il-garanzija tal-EFSD mill-31 ta' Diċembru 2024 jirrikjedi deroga mill-Artikolu 214(6) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
- (12) Il-kapaċità tal-BEI, tal-BERŻ u tad-DFIs li jimplementaw b'mod effiċjenti riżorsi addizzjonali jenħtieġ li tiżdied billi jiġi ssimplifikat il-qafas għall-operazzjonijiet ta' taħlit, jiġu kkonsolidati l-ftehimiet ta' garanzija u assistenza teknika mal-istess sieħeb tal-implimentazzjoni u titnaqqas il-frekwenza tar-rapportar finanzjarju minn obbligu li jsir rapport trimestrali għal obbligu li jsir rapport darbtejn fis-sena. ***Is-simplifikazzjoni hija essenzjali biex jiġi mobilizzat l-investiment privat fuq skala kbira, jiżdied l-effett ta' ingranaġġ tal-fondi tal-Unjoni u jinħoloq ambjent aktar prevedibbli għas-sħab privati li huma lesti jinvestu b'mod konġunt fl-iżvilupp sostenibbli.***
- (13) Barra minn hekk, f'termini ta' simplifikazzjoni, l-obbligu tas-sħab tal-implimentazzjoni li jivverifikaw l-informazzjoni dwar operazzjonijiet individwali taħt il-ftehimiet ta' garanzija li sħab tal-implimentazzjoni għandhom jipprovdu fir-rapportar annwali tagħhom lill-Kummissjoni jenħtieġ li jitneħħa, peress li mhuwiex meħtieġ mir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 .

- (14) *Jenħtieġ li mal-effiċjenza u s-simplifikazzjoni jkun hemm trasparenza u obbligu ta' rendikont xierqa, f'konformità mal-obbligi ta' rapportar tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 41(7) tar-Regolament (UE) 2021/947 lejn l-awtorità baġitarja, inkluż informazzjoni ċara dwar il-prestazzjoni tal-EFSD u tal-EFSD+, dwar l-ingranaġġ tal-fondi, l-allokkazzjoni tal-fondi għall-programmi u l-proġetti, is-surplus u d-defiċits totali identifikati, l-orijini ta' kwalunkwe surplus u l-ammonti proposti għar-riallokkazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi rapporti ċari u regolari dwar l-addizzjonalità tal-operazzjonijiet tal-EFSD+, inkluż evidenza li l-portafolli appoġġati għandhom profil tar-riskju ogħla minn attivitajiet ta' investiment normali komparabbli tas-sħab tal-implimentazzjoni.*
- (15) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jsaħħa l-impenn tal-Unjoni mal-pajjiżi sħab tagħha u li jnaqqas id-dipendenzi esterni eċċessivi tagħha, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu daww l-objettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### Emendi tar-Regolament (UE) 2021/947

Ir-Regolament (UE) 2021/947 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. B'deroga mill-Artikolu 212(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, ir-ripagamenti u d-dħul iġġenerati minn strument finanzjarju stabbilit skont dan ir-Regolament għandhom jiġu assenjati lil-linja baġitarja tal-orġini wara li jitnaqqsu l-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni.

B'deroga mill-Artikolu 216(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe surplus ta' provvedimenti għall-garanzija tal-EFSD skont ir-Regolament (UE) 2017/1601 irrapportat fl-2025, fl-2026 u fl-2027 fid-dokument ta' ħidma meħmuż mal-abbozz tal-baġit skont l-Artikolu 41(5), il-punt (h), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, **għandu** jintuża għall-proviżjonament tal-garanzija baġitarja appoġġata mill-EFSD+.

Ir-riżorsi msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

---

\* Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).";

(2) fl-Artikolu 31(8), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-Artikolu 214(6) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-riżorsi tal-EFSD+ relatati mal-proviżjonament tal-garanzija baġitarja appoġġata mill-EFSD+ u msemmija fl-Artikolu 214(4), l-ewwel subparagrafu, il-punti (b) u (d) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, **għandhom** jintużaw biex ikopru l-ħlas ta' talbiet **ta' aktar minn EUR 10 miljun** fuq il-garanzija tal-EFSD **fl-2025, fl-2026 u fl-2027**.";

(3) fl-Artikolu 36(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-BEI għandu jkollu l-esklussività għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet sovrani u kontropartijiet sottosovrani mhux kummerċjali skont it-tieqa ta' investiment iddedikata esklużiva. Skont it-tieqa ta' investiment iddedikata esklużiva, il-kontribuzzjoni tar-riżorsi proprji għandha tinftiehem bħala s-suppożizzjoni ta' riskju residwu u l-garanzija tal-UE għandha tkopri 60 % tal-ammont aggregat żborżat u garantit skont l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, bl-ammonti rimborżati mnaqqsa, flimkien mal-ammonti relatati kollha.";

(4) fl-Artikolu 38, il-paragrafu 6 jitħassar.

*Artikolu 2*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---